MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 136/2007

**Maria Thewma u b'digriet tad-19 ta' Lulju 2012**
**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Lelina Grech,**
**Jack Thewma, Josephine Bajada, Maria Cassar u**
**Giorgia Theuma, minflok Maria Thewma stante**
**l-mewt tagħha fil-mori tal-kawża;**
**Lelina Grech;**
**Jack Thewma;**
**Josephine Bajada;**
**Maria Cassar;**
**Giorgia Theuma**

**vs**

**Nicholas Jensen;**

**Agnes Gera de Petri;**
**Alfred Gera de Petri għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Irene mart John Bache; it-tlieta kemm f'isimhom proprju kuf ukoll fil-kwalita' tagħhom ta' eredi tal-mejta Hele Miles;**
**Mario Galea Testaferrata;**
**Anna Maria mart John Spiteri Debono kemm f'isimha proprju kif ukoll għan-nom ta' Karen mart it-Tabib Joseph Preziosi;**

***Sentenza in parte***

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew:

Illi b'att tan-Nutar Giovanni Calleja Schembri tal-erbatax ta' Lulju tal-elf tmien mija u disgħin (14.VII.1880), Dr. Filippo Mariani u l-Markiż Felicissimo Apap Bologna fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi ta' Nicola u Marietta aħwa Apap, kienu taw u kkonċedew lil Giuseppe Attard b'titolu ta' emfitewsi temporanju d-dar bin-numru ħamsa, sitta u sebgħa (5,6 u 7) ta' Srada Provicario llum Triq Michelangelo Refalo, Victoria Għawdex, kif deskritt fl-istess att, u dan għal disgħa u disgħin (99) sena, dekorribbli mill-ħmistax ta' Awwissu tal-elf tmien mija u disgħin (15.VIII.1890) u biċ-ċens annwu u temporanju ta' tmien liri Maltin (Lm8);

Illi b'att tan-Nutar Francesco Gauci tal-ħmistax ta' Jannar tal-elf disgħa mija sebgħa u ħamsin (15.1.1957), George u Maria konjuġi Theuma, akkwistaw mingħand ir-Reverendu Monsinjur Salvatore Attard (li kien wiret dan il-fond mingħand il-ġenituri tiegħu), l-utili dominju temporanju għar-rimanenti disgħa u tletin (39) sena tal-fond numru disgħa (9) Triq Michelangelo Refalo, Victoria Għawdex, kfi soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' erba' liri Maltin (Lm4) u b'att ieħor tan-Nutar John Busuttil tal-għaxra ta' April tal-elf disa' mija sebgħa u sittin (10.IV.1967) huma akkwistaw mingħand Carmelo Attard, l-utili dominju temporanju għaż-żmien li kien fadal tal-bqija tal-fond u ċioe' dik bin-numru sitta sebgħa u

tmienja (6, 7 u 8) ta′ Triq Micelangelo Refalo, Victoria Għawdex, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta′ erba′ liri Maltin (Lm4);

Illi b′att ieħor tan-Nutar Emanuel George Cefai tad-disgħa ta′ Diċembru tal-elf disa′ mija u tnejn u tmenin (9.XII.1982), l-imsemmija konjuġi Theuma kienu assenjaw u ttrasferew favur John u Lelina Grech, l-utili dominju temporanju tal-parti diviża mill-fond imsemmi ċioe′ dik bin-numru sitta (6) Triq Michelangelo Refalo, Victoria Għawdex, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta′ żewġ liri Maltin (Lm2); filwaqt illi żammew għalihom il-kumplament tal-istess fond, numri sebgħa kif allura soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta′ sitt liri maltin (Lm6);

Illi fid-data ta′ meta skadiet l-enfitewsi msemmija u ċioe′ fil-ħmistax ta′ Awwissu tal-elf disa′ mija u disgħa u tmenin (15.VIII.1989), l-attriċi Maria Thewma flimkien ma żewġha George Thewma kienu jabitaw fil-fond numru sitta (6) Triq Michelangelo Refalo, Victoria Għawdex, bħala residenza ordinarja tagħhom, kif kien ilhom jabitaw sa minn diversi snin ferm qabel l-elf disa′ mija u disgħa u sebgħin (1979);

Illi George Theuma miet fit-tnejn u għoxrin (22) ta′ Marzu elf disa mija tlieta u disgħin (1993) u skond it-testment tiegħu fl-atti tan-nutar Emanuel George Cefai tas-sebgħa u għoxrin (27) ta′ Ġunju elf disa mija tmienja u sebgħin (1978) huwa nnomina lill-uliedu l-atturi l-oħra barra Maria Theuma bħala eredi universali tiegħu;

Illi billi l-konjuġi George u Maria Thewma kienu ċittadini ta′ Malta, bis-saħħa tal-Artikolu 10B (4) u (5) tal-Ordinanza tal-1959 dwar it-Tneħħija tad-Djar mill-Kontroll (Kap 158 tal-Liġijiet ta′ Malta), l-atturi għandhom il-jedd illi dan iċ-ċens jikkonvertuh f′ċens perpetwu taħt l-istess kundizzjonijiet tal-enfitewsi temporanja barra ż-żmien li għandu jkun perpetwu u ċ-ċens li għandu jkun sitt darbiet daqs dak oriġinali u ċioe′ sitta u tletin lira Maltija (Lm36), fis-sena rivedibbli darba kull ħmistax il-sena skond l-indiċi tal-inflazzjoni stabilit għall-finijiet tal-istess liġi;

Illi minkejja diversi interpelazzjonijiet il-konvenuti irrifjutaw li jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku relattiv.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi għandhom id-dritt illi jikkonvertu l-enfitewsi temporanja tad-dar numru sebgħa, tmienja u disgħa (7, 8 u 9) Triq Michelangelo Refalo, Victoria Għawdex, taħt l-istess kundizzjonijiet tal-enfitewsi oriġinali barra ż-żmien li għandu jkun perpetwu u ċ-ċens li għandu jkun sitt darbiet daqs dak oriġinali u ċioe' sitta u tletin lira Maltija (Lm36), fis-sena revedibbli kif stabbilit bil-liġi;

2. Tikkundannakom sabiex tersqu għall-pubblikazzjoni tal-att pubbliku opportun li permezz tiegħu isseħħ dik il-perpetwazzjoni;

3. Taħtar Nutar pubbliku sabiex jippubblika dan l-att, f'dak il-jum, ħin u lok li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u taħtar kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq dan l-att;

Bl-ispejjeż kontra tagħkom.

Il-konvenuti huma mħarrkin għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono, f'isimha proprio u f'isem Karen Preziosi li eċċepiet:

1. Illi preliminarjament ir-rikors huwa null in kwantu ma ġiex intavolat mir-rikorrenti kollha;
2. Illi wkoll in linea preliminari r-rikors huwa null in kwantu ġie intavolat minn persuna li lanqas m'hi ċitata fl-okkju;

3. Illi wkoll in linea preliminari, dan ir-rikors huwa intempestiv, stante li r-rikorrenti qed jipproponi mertu identiku ta' proċedura preċedenti li

hija ormai deżerta, mingħajr ma tħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ;

4. Illi dejjem in linea preliminari, l-azzjoni hija improponibbli u għandha tiġi riġettata *ab initio*, stante li tittratta mertu li diġa għadda in ġudikat, in kwantu si tratta tal-mertu identiku deċiż fil-Qorti tal-Appell;

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn sollevati, r-rikorrenti għandhom qabel xejn jipprovaw li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tad-disposizzjoni invokata;

6. Illi inoltre u mingħar preġudizzju, l-azzjoni hija in ogni caso fuori termine stante li r-rikorrenti aġixxew wara t-terminu previst mil-liġi, u kwindi m'għandhom l-ebda jedd li jużufruwixxu mid-disposizzjoni invokata;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti Nicholas Jensen, Agnese Gera de Petri, Irene mart John Bache, it-tlieta kemm f'isimhom kif ukoll fil-kwalita tagħhom ta' eredi tal-mejta Helen Miles li permezz tagħha eċċepew:

1. In-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti billi l-konvenuti kollha huma residenti Malta, l-privilegium fori;

2. In-nullita tal-ġudizzju billi r-rikors jinsab ppresentat biss minn xi wħud mill-atturi u mhux minn kollha;

3. In-nullita tal-ġudizzju billi r-rikors jinsab ppresentat minn persuna mhux ċitata;

4. L-irritwalita tal-proċeduri billi l-atturi għadhom ma ħallsux lis-spejjeż tal-ġudizzju li kien mar desert, liema irritwalita għandha twassal għall-liberationi tal-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;

5. L-irritwalita tal-ġudizzju fil-konfront tal-persuna ta' Alfred Gera de Petri li ma jirrapresentax iżjed lill-Irene Bached billi din tinsab Malta u għalhekk in kwantu ċitat f'din il-kwalita għandu jiġi liberat mill-ġudizzju;

6. Illi għat-talba tal-atturi josta l-ġudikat billi bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Ottubru 2000 fir-rikors numru 348/91/2 fl-ismijiet Mario Galea Testaferrata et vs. Il-Prim Ministru et ġa ġie deċiż li l-liġi għal liema jagħmlu riferneza l-atturi tilledi d-drittijiet fondamentali tal-konvenuti u għalhekk ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ;

7. Illi fi kwalsijasi każ l-applikazjoni tal-artikoli ċitati mill-atturi jwassal għall-leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-konvenuti kif protetti mill-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

8. Illi inoltre jispetta lil-atturi li jagħmlu prova tal-fatti għab-bażi ta' liema huma qegħdin jippretendu li jirrendu ċ-ċens in kwistjoni;

9. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suepost l-atturi ddekadew mill-ażżjoni tagħhom bid-dekors tat-terminu ta' sitt xhur stipulat fil-att dwar id-Dekontroll;

10. Illi l-azzjoni tal-atturi hija nfondanta fil-fatt u fid-dritt;

11. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Mario Galea Testaferrata li eċċepixxa:

1. Illi prelimanarjament ir-rikors huwa null in kwantu ma ġiex intavolat mir-rikorrenti kollha;

2. Illi wkoll in linea preliminari r-rikors huwa null in kwantu ġie intavolat minn persuna li lanqas m'hi ċitata fl-okkju;

3. Ili wkoll in liena preliminari, dan ir-rikros huwa intempestiv, stnate li r-rikorrenti ed jipproponi mertu identiku ta' proċedura preċedenti li hija ormai deżerta, mingħajr ma tħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji;

4. Illi dejjem in linea preliminari, l-azzjoni hija improponibbli u għandha tiġi riġettata *ab initio*, stante li titratta mertu li diġa għada in ġudikat, in kwantu si tratt tal-mertu identiku deċiż fil-Qorti tal-Appell, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-każ;

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn sollevati, r-rikorrenti għadnhom qabel xejn jipprovaw li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tad-disposizzjoni invokata;

6. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju, l-azjonii hija in ogni caso fuori termine statnte li r-rikorrenti aġixxew wara t-terminu previst mil-liġi, u kwindi m'għandhom l-ebda jedd li jużufruwixxu mid-disposizzjoni invokata;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Rat is-sentenza tagħha tal-20 ta' Marzu 2012 dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-*privilegium fori* mressqa minn uħud mill-konvenuti.

Rat il-verbal tal-partijiet magħmul quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis-seduta tal-10 ta' April 2013, fejn qablu li x-xhieda mogħtija fil-kawża numru 134/2007 quddiem din il-Qorti wkoll, tkun tgħodd għal din il-kawża.[1]

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2014 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra tal-konvenuti.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi dawk tal-kawża kostituzzjonali numru 348/1991 allegati permezz tad-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru 2013.

Ikkunsidrat:

[1] Ara verbal a fol.163 tal-process

1. Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, qed tiġi eċċepita n-nullita' tal-kawża minħabba li ma ġietx intavolata mir-rikorrenti kollha.

Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell: "*…. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat****. Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita' minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju irreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-kap.12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi…kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju*** illi ***ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.'*** " [2]

Hekk ukoll ingħad illi: "… *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali.*" [3]

Fil-każ in eżami nsibu illi fl-okkju tal-kawża r-rikorrenti ġew indikati bħala li jikkomprendu lil: Maria Theuma, Lelina Grech, Jack Theuma, Josephine Bajada, Maria Cassar u Giorgia Theuma. Madankollu r-Rikors ġuramentat huwa biss ta' John u Lelina Grech. Huwa evidenti pero' li dan huwa żball ġenwin ta' min kien qed jifformula l-istess Rikors Ġuramentat li għamel *copy and paste* ta' Rikors Ġuramentat ieħor ippresentat f'dik il-ġurnata wkoll minn John u Lelina Grech dwar kwistjoni identika mal-istess konvenuti,[4] mingħajr ma ħa ħsieb ibiddel l-ismijiet.

---

[2] Albert Portelli vs Dr.Riċċardo Farrugia:4.12.1998 kollez.vol.LXXXII..II.1311
[3] Appell: Guido J.Vella A.CE vs Dr.Emanuel Cefai Ll.D.:4.11.1991 vol.LXXV.II.474
[4] Ara Rikors Guramentat Nru. 134/2007 fl-ismijiet "John Grech et. vs Nicholas Jensen et.", pendenti wkoll quddiem din il-Qorti kif ippresjeduta

Fil-fehma tal-Qorti dan mhux xi żball proċedurali li ġab xi preġudizzju lill-konvenuti li ma jistax jissewwa ħlief billi l-att jiġi annullat. Infatti l-konvenuti ddefendew ruħhom fuq il-mertu mingħajr ebda diffikulta' u kienu jafu preċiżament x'qegħdin jitolbu l-atturi, minkejja dan id-difett fir-Rikors Guramentat. Intant l-artikolu 175(3) tal-Kap.12 jistipula espressament illi:

**"Il-Qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv f'att ġudizzjarju."**

Kif qalet ukoll il-Qorti tal-Appell: "*Minn qari akkurat ta' dan is-subartikolu jidher li meta l-leġislatur introduċa dan l-artikolu fil-Kodiċi ta' Proċedura, l-intenzjoni kienet prinċipalment li jagħti kull possibilita' lill-Qorti li ssalva l-azzjoni li tkun ġiet proposta billi tawtorizza kull korrezzjoni li tkun meħtieġa fl-att promotur biex b'hekk is-sentenza finali jkollha l-effett meħtieġ bejn il-partijiet proprji in kawża.*" [5]

Għalhekk din il-Qorti tista' faċilment tiddisponi minn din l-eċċezzjoni billi, filwaqt illi tiċħadha, tordna l-korrezzjoni ta' l-ewwel sentenza wara l-okkju tal-kawża, fis-sens illi jinqatgħu il-kliem "John u Lelina konjuġi Grech" u jiddaħħlu minflokhom il-kliem: "Maria Theuma, Lelina Grech, Jack Theuma, Josephine Bajada, Maria Cassar u Giorgia Theuma."

2. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, it-tielet eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, qed tiġi eċċepita n-nullita' tal-kawża minħabba li r-rikors ġie intavolat minn persuna li lanqas m'hi ċitata fl-okkju. Huwa minnu illi, kif ġia rajna, r-Rikors Ġuramentat apparentement jidher li sar minn John u Lelina konjuġi Grech meta John Grech mhux parti f'din il-kawża. Imma mbagħad l-istess

[5] Cecil Pace pro et noe vs Emanuel A. Bonello pro et noe. : 24.09.2004

Rikors Ġuramentat ġie korrettement ippreżentat u maħluf minn Lelina Grech li hija waħda mill-atturi. Għall-istess raġunijiet imfissra hawn fuq fir-rigward tal-eċċezzjoni tan-nullita' hemm diskussa, din l-eċċezzjoni lanqas m'hi ser tiġi milqugħa, billi d-difett fil-kawża f'dan ir-rigward jista' wkoll jiġi faċilment sanat billi ssir korrezzjoni fit-tieni sentenza wara l-okkju tal-kawża fis-sens illi l-isem "John Grech" jiġi sostitwit bl-isem "Lelina Grech".

3. Permezz tat-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, ir-raba eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, qed tiġi eċċepita l-intempestivita' tal-azzjoni minħabba li din il-kawża ġiet intavolata meta l-ispejjeż ġudizzjarji ta' kawża oħra dwar l-istess mertu kienet waqgħet deserta.[6] L-atturi mhumiex jikkontestaw dan bħala fatt. Jikkontendu pero' li huma qatt ma ġew ippresentati b'xi kont dwar dawn l-ispejjeż, u wisq inqas irrifjutaw li jħallsuh. Dan ikkonfermah ukoll ix-xhud Alfred Gera de Petri fid-deposizzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2013,[7] meta kkonferma li hu qatt ma bagħat xi kont f'dan ir-rigward lill-atturi u lanqas ma għandu ebda dokument relattiv. Tajjeb qalu għalhekk l-atturi fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħhom li: "*…sabiex jitwieled l-obbligu fl-esponenti li jħallsu xi ammont lill-kontroparti, jeħtieġ li jiġi ndikat lilhom l-ammont li huma obbligati li jħallsu, flimkien mal-identita' tal-persuna li lilha għandu jsir il-ħlas – f'kelma waħda huwa neċessarju li tkun saret talba għall-ħlas; u barra minn hekk, sabiex tista' tiġi applikata l-konsegwenza drakonja tad-dekadenza mid-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja jeħtieġ li jiġi ppruvat ukoll ir-rifjut da parti tal-esponenti li jħallsu dak dovut minnhom wara li tkun saret tali talba għall-ħlas.*" Din l-eċċezzjoni ser tiġi għalhekk miċħuda wkoll.

4. Bil-ħames eċċezzjoni preliminari tagħhom Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine jikkontendu illi Alfred Gera de Petri għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi dan ma jirrapresentax iżjed lil Irene Bache li tinsab Malta. Imma kif sewwa jgħidu l-atturi fl-istes Nota tal-Ossevazzjonijiet tagħhom, Alfred Gera de Petri

[6] Ara kopja tad-digiret relattiv esebita bhala Dok.AGP 2 a fol.166 tal-kawża: 134/2007
[7] Fil-kawża: Rikors Guramentat Nru.134/2007.

mhux imħarrek personalment u għalhekk mhux il-każ li jiġi liberat *ab observantia*, imma biss li jinqata' ismu mill-okkju tal-kawża.

5. Imbagħad bir-raba eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, is-sitt eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u r-raba eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, qed tiġi eċċepita r-*res judicata* in vista tas-sentenzi kostituzzjonali fil-kawża: "Mario Galea Testaferrata et. vs Il-Prim'Ministru et."[8] Il-kwistjoni li trid għalhekk tiġi risolta wkoll permezz tas-sentenza presenti, tirigwarda l-fatt jekk jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa sabiex tirnexxi tali eċċezzjoni, u ċioe' dawk tal-*eadem res, personae* u *causa*. Dan ifisser illi fiż-żewġ kawżi, sew dik pia deċiża kif ukoll dik pendenti, jrid ikun hemm l-istess oġġett, l-istess partijiet u l-istess mertu.[9] Kif ġie ribadit mill-Qrati tagħna: "*…l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabilit bis-sentenza illi tkun ingħatat.*" [10]

***Res***: M'hemmx dubbju li l-oġġett tal-kawża odjerna huwa l-istess wieħed li kien hemm fil-kawża kostituzzjonali ndikata, u ċioe' l-fond bin-numri sitta (6), seba'(7), tmienja (8) u disa' (9), Triq Sir Michelangelo Refalo, Victoria, Għawdex, li l-fond mertu tal-kawża presenti jifforma parti ntegrali minnu.

**Personae**: In-nies involuti f'din il-kawża mhumiex l-istess nies imsejħa fil-kawża kostituzzjonali. Il-kawża kostituzzjonali msemmija kienet saret ukoll kontra l-Prim'Ministru u l-Ministru tal-Ġustizzja, li ma jidhru mkien fil-kawża odjerna.

---

[8] Rikors Kostituzzjonali Nru. 348/1991,deciz mill-Prim'Istanza fit-3 .10.2000 u mill-Qorti Kostituzjonali fis-16 ta' Ottubru 2006 (kopji esebiti bhala Dok.AGP 3 u 4 a fol. 167 – 202 tal-kawża: 134/2007)
[9] Prim'Awla:25.09.2003 Charles Cortis vs Francis Aquilina et.
[10] Cortis vs Aqilina gia citata

**Causa**: Lanqas ma jista' jingħad li l-mertu tal-kawża huwa l-istess fiż-żewġ kawżi. Filwaqt illi fl-istess kawża kostituzzjonali kienet qed tintalab dikjarazzjoni ta' nullita' tal-liġi li bis-saħħa tagħha enfitewta seta' jitlob il-perpetwazzjoni taċ-ċens,[11] bil-kawża presenti qed tintalab dikjarazzjoni fis-sens li l-atturi għandhom dritt jikkonvertu enfitewsi temporanja f'waħda perpetwa a tenur tal-istess liġi, u l-kundanna tal-konvenuti biex jersqu għall-kuntratt opportun. Għalhekk, għalkemm id-deċiżjonijiet fil-kawżi kostituzzjonali ċitati mill-konvenuti għad jista' jkollhom effett fuq l-eżitu tal-kawża presenti, ma jistax jingħad illi l-mertu tal-kawża odjerna kien ġia ġie deċiż b'mod definittiv bis-saħħa tal-istess kawża kostituzzjonali.

Din l-eċċezjoni qed tiġi għalhekk ukoll miċħuda.

Għaldaqstant, tiddeċidi dwar dawn l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti billi:

1. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, b'dana illi tordna l-korrezzjoni tal-ewwel sentenza wara l-okkju tal-kawża fis-sens illi jinqatgħu il-kliem "John u Lelina konjuġi Grech" u jiddaħlu minflokhom il-kliem: "Maria Theuma, Lelina Grech, Jack Theuma, Josephine Bajada, Maria Cassar u Giorgia Theuma;"

2. tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Mario Galea Testaferrata, b'dana illi tordna korrezzjoni fit-tieni sentenza wara l-okkju tal-kawża fis-sens illi l-isem "John Grech" jiġi sostitwit bl-isem "Lelina Grech";

3. tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono proprio et nomine, ir-raba eċċezzjoni preliminari ta'

[11] L-art.10B(4) u (5) tal-Kap.158

Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Mario Galea Testaferrata;

4. tiċħad il-ħames eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, b'dana illi tordna li jinqatgħu il-kliem "Alfred Gera de Petri, spiżjar Alfred Gera de Petri, 63, Casa de Petri, Balzan, Malta għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti" mill-okkju tal-kawża; u

5. tiċħad ukoll ir-raba eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono, proprio et nomine, is-sitt eċċezzjoni preliminari ta' Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, u r-raba eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Mario Galea Testaferrata.

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jkunu a karigu tal-konvenuti *in solidum* bejniethom, ħlief għal dawk li jirrigwardaw il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Nicholas Jensen, Agnes Gera de Petri u Irene mart John Bache proprio et nomine, li jkunu a karigu tagħhom biss.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------